MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 508/2010/2

**Francis u Rita konjugi Spiteri**

**v.**

**Charles u Maria Dolores konjugi Darmanin u Andy u Mary konjugi Cole u b'digriet tal-21 ta' April 2015 stante l-mewt ta'**

**Maria Dolores Darmanin fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'isimha**

**gie trasfuz ghal fuq isem l-eredi taghha Carmel sive Charles Darmanin, Fiona (Fiona Maria) u Lloyd Darmanin**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-17 ta' Mejju, 2010, li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond bl-indirizz numru tlieta [3], Hamilton, Qaliet Street, St. Thomas Bay, Marsascala, filwaqt li l-intimati f'dawn il-proceduri konjugi Darmanin huma l-proprjetarji tal-fond li jgib in-numru sbatax [17], 'Desiree', Triq il-Mahsel, Bajja Ta' San Tumas, Marsascala u l-intimati konjugi Cole huma s-sidien tal-fond adjacenti li jgib in-numru sittax [16], 'San Michel', Triq il-Mahsel, Bajja Ta' San Tumas, Marsascala;

"2. Illi l-intimati nhar it-30 t'Ottubru 2006 ottjenew b'mod definittiv il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1570/2006 li permezz tieghu huma waqqfu Iil Frans Spiteri mix-xoghol fil-fond bl-indirizz 3, Hamilton, Qaliet Street, St. Thomas Bay, Marsascala [Dok. 'FS1'] u dana a bazi ta' proceduri civili illi l-intimati fethu fil-konfront tar-rikorrenti;

"3. Illi tali proceduri civili gew itterminati permezz ta' sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 8 ta' Lulju 2008 fil-kawza fl-ismijiet 'Charles Darmanin et v. Francis Spiteri et' [Rik. Nru.: 1028/2006/GCD] [Dok. 'FS2'] fejn l-intimati tilfu l-mertu kollu ta' din il-kawza fil-konfront tar-rikorrenti u dana bl-ispejjez interament kontra taghhom u minn liema sentenza l-intimati ma ressqu l-ebda appell u ghalhekk tali sentenza saret wahda finali u definittiva ai fini u effetti kollha tal-ligi;

"4. Illi sussegwentement ghall-istess sentenza kienu l-istess rikorrenti li ressqu l-kontro-mandat opportun ghall-mandat t'inbizzjoni hawn fuq indikat [Dok. 'FS3'] u dana halli huma jkunu jistghu ikomplu bix-xoghol taghhom;

"5. Illi l-hrug ta' dan il-mandat u sakemm gie intavolat il-kontro-mandat opportun min-naha tar-rikorrenti ghall-istess mandat dan irreka dannu finanzjarju persistenti u kbir lir-rikorrenti, inter alia, f'imghaxijiet u spejjez ohra konnessi li huma wehlu inutilment ma' istituzzjonijiet finanzjarji lokali waqt li l-imsemmi xoghol ta' kostruzzjoni kien jinsab wieqaf u dana in konnessjoni ma' self li huma hadu mill-bank ghal dan il-progett, kif ukoll fi problemi ohra ta' gholi ta' prezzijiet li huma qeghdin jehlu halli issa huma jwettqu tali zvilupp u

dana minhabba z-zmien li huma ghamlu wieqfa a kawza tal-agir abbusiv da parti tal-konvenuti;

“6. Illi r-rikorrent Spiteri jirrilevaw illi dan il-mandat hareg inutilment min-naha tal-intimati fil-konfront taghhom, kif ukoll b'mod vessatorju u bi l-ghan car illi l-istess intimati jipprovaw filwaqt li jwaqqfu x-xoghol li kienu qed jikkonduci r-rikorrenti fuq dan is-sit partikolari huma jottjenu xi tip ta' garanziji minghand l-istess rikorrenti Spiteri dwar l-gholi tal-bini li huma kienu se jikkostruwixxu u dana meta l-istess intimati Darmanin u Cole ma kellhom l-ebda jedd jaghmlu dan;

“7. Illi anke sussegwentement ghal meta r-rikorrenti hargu l-kontro-mandat skont il-ligi ghall-mandat t'inibizzjoni u komplew bix-xoghol, l-intimati jew min minnhom xorta wahda baqghu jxxekklu lir-rikorrenti fix-xoghol taghhom u dana hekk kif se jirnexxielhom jipprovaw ir-rikorrenti Spiteri l-istess waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

“8. Illi nonostante li l-intimati gew interpellati halli jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni a favur ir-rikorrenti u dana a kawza tal-agir abbusiv taghhom suindikat, dawn baqghu inadempjenti;

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti Spiteri umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, joghgobha;

“1. Tordna l-allegazzjoni tal-atti kollha kemm tal-kawza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 8 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet 'Charles Darmanin et v. Francis Spiteri et' [Rik. Nru.: 1028/2006/GCD] u l-atti kollha tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1570/2006 u tiddikjara li dawn l-atti jitqiesu bhala prova shiha f'din il-kawza;

“2. Tiddikjara illi minhabba l-agir taghhom suindikat l-intimati irrendew u huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti hekk kif hawn fuq spjegat;

“3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti u dana anke jekk tinhass il-htiega permezz tal-hatra ta' perit jew periti nominandi;

“4. Tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma illikwidata ai fini tat-tielet talba.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju imressaq kontestwalment mal-kawza odjerna li jgib in-numru u tal-Kontro-Mandat suindikat imressaq mir-rikorrenti halli jitwaqqa' l-Mandat ta' Inibizzjoni u bl-imghax skont il-ligi u l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

“(1) Illi preliminarjament jigi eccepit illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta cioe bil-perjodu ta' sentejn;

“(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra ir-rikorrenti;

“(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li r-rikorrenti soffrew xi danni konsegwenza ta' xi agir konness mill-intimati u ghalaqstant ma hemm l-ebda danni sabiex jigu likwidati;

“(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati dejjem agixxew fil-limiti tad-drittiijiet taghhom kif dettati fil-ligi u ghaldaqstant mhumiex responsabbli ghal kwalunwke danni sofferti mir-rikorrenti;

“(5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe danni allegatament sofferti mir-rikorrenti kienu biss u unikament rizultat tal-agir tal-istess rikorrenti jew min minnhom;

“(6) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghmlu dak kollu fis-setgha taghhom sabiex jimminimizzaw kemm jista' jkun id-danni;

"(7) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw li soffrew id-danni allegati;

"(8) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-intimati qatt gew debitament interpellati ghall-hlas ta' xi danni sofferti u ghaldaqstant dawn il-proceduri huma ghal kollox intempestivi u certament l-intimati ma ghandhomx isofru l-ispejjez tal-istess;

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru, 2014 li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u ddikjarat li l-azzjoni attrici hi perenta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16; bl-ispejjez ghall-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din hi kawza ghad-danni maghmula mill-atturi in segwitu ghal mandat ta' inibizzjoni mahrug kontra l-atturi mill-konvenuti liema mandat qed jigi allegat inhareg b'mod vessatorju u bl-ghan car li jwaqqfu lil atturi milli jkomplu bix-xoghol ta' kostruzzjoni fil-proprjeta taghhom biex jottjenu garanzija mill-istess atturi dwar l-gholi tal-bini li kienu ser jikkostruixxu meta kien car illi l-konvenuta ma kellhom ebda jedd jaghmlu dan.

"Il-fatti saljenti li waslu ghal din l-azzjoni promossa fis-17 ta' Mejju 2010 huma s-segwenti:

"1. Fl-24 ta' Ottubru 2006, il-kovenuti pprezentaw mandat ta' inibizzjoni (1570/2006) kontra l-atturi biex iwaqqfu lill-istess atturi milli jkomplu b'xoghol ta' skavar u thaffir fil-proprjeta taghhom billi dan ix-xoghol kien qed isir f'non osservanza tad-distanzi legali li fih seta' jsir skavar u thaffir mill-hajt divizorju li jiddividi l-proprjetajiet tal-atturi minn dik tal-konvenuti u illi tali xogholijiet kienu gia qed jikkawzaw danni u biza ta' danni ulterjuri. L-atturi odjerni opponew ghal hrug tal-mandat billi sostnew li x-xoghol kien qed isir skond il-ligi, u illi ma kienet qed issir ebda hsara u jekk kien hemm xi hsara din kienet minima hafna. Fit-30 ta' Ottubru 2006 il-Qorti laqghet it-talba ghal hrug tal-mandat kawtelatorju;

"2. Ma saru ebda xogholijiet ulterjuri wara dik id-data;

"3. Il-konvenuti odjerni fethu kawza kontra l-atturi (1028/06) fl-14 ta' Novembru 2006 fejn talbu gudizzju definit fuq l-operat illegali tal-atturi odjerni u kundanna ghad-danni kagonati. L-atturi odjerni opponew ghat-talbiet kwazi fl-istess termini tar-risposta tal-mandat ta' inibizzjoni, ghalkemm fis-17 ta' Novembru 2006 intavolaw rikors fejn talbu lil Qorti titratta l-kawza b'urgenza peress li huma waqfu mix-xoghol u kienu qed isofru danni minhabba self mill-bank biex akkwistaw is-sit, il-kuntrattur mar jahdem banda ohra konsegwenza tal-waqfien mix-xoghol u nuqqas ta' post fejn jabitaw billi wahda mill-proprjetajiet akkwistati kienet intiza bhala residenza tal-istess atturi odjerni;

"4. Il-Qorti iddecidiet il-kawza kontra l-konvenuti odjerni fit-8 ta' Lulju 2008 u minnha ma sarx appell. Il-kontromandat ghal mandat ta' inibizzjoni sar mill-atturi odjerni fid-29 ta' Lulju 2008 u gie milqugh dakinhar stess.

"**Eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16**

"L-azzjoni attrici hi bazata fuq danni mhux kagonati b'reat jew minn xi relazzjoni kontrattwali pre ezistenti bejn il-partijiet. Japplika ghal din l-azzjoni l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 li jghid li kullhadd iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu.

"L-artikolu 2153 imbaghad ighid li l-azzjoni ghal hlas tal-hsarat mhix kagonati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn.

“Kif intqal fil-kawza **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta’ Ottubru 1959 (Vol. XLIII-II-789):

> “Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw Danni derivanti minn htija jew “culpa” extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, “Culpa Aquiliana”. Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell “**J. Camilleri vs Dr. Frendo**”, 22 ta’ Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc “**Calafato vs Muscat**”, 5 ta’ Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili “**Similiana vs Fenech**”, 14 ta’ Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell “**Scicluna vs Trany**”, 22 ta’ Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc “**Attard vs Zerafa**”, 24 ta’ April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell “**Dr. Buhagiar vs De Nicola**”, 30 ta’ Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell “**Dr. Galea Naudi vs Zammit**”, 9 ta’ Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili “**Vella vs Fenech**”, 7 ta’ Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell “**Tonna vs Smith**”, 7 ta’ Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn);
>
> “Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva ddannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta’ Mejju 1952, “**Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance**”, Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta’ Gunju 1900, “**Scicluna nomine vs Trany nomine et**” fuq citata; Kummerc 31 ta’ Jannar 1935, “**Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar**”, Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380) ...”

“Billi fil-kaz tal-culpa aquiliana, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jigri l-fatt illecitu u mhux minn meta l-parti tigi issir taf bil-fatt, il-preskrizzjoni fost ragunijiet ohra tinkiser b’att gudizjarju pprezentat f’isem is-sid jew kreditur innotifikat lil parti l-ohra li kontra taghha wiehed irid ma jhallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher car illi s-sid jew il-krindituri bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom (artikolu 2128 tal-Kap. 16).

“It-test dwar iz-zmien meta jibda jiddekorri l-preskrizzjoni hu wiehed oggettiv u mhux soggettiv ghall-atturi b’mod li l-principju Ruman contra non valentem agere non currit prescriptio jsib applikazzjoni biss fejn il-ligi tippermetti dan minhabba ostakoli materjali bhal vjolenza jew qerq jew zball (ara artikolu 1223 tal-Kap. 16). In fatti l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista’ tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha tmiss din l-azzjoni (ara **Micallef vs Agius**, App Civ 06/10/2000).

Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (**Xuereb vs Zammit**, App Kumm 09/03/1994). Din l-ahhar sentenza qalet hekk:

> "... meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliciment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."

"Applikati dawn il-principji ghal dan il-kaz hu abbondantament car ghal Qorti illi l-lezjoni u l-konsegwenti dritt ta' azzjoni attrici kellha l-gheruq taghha mill-akkoljament tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi odjerni. Dan l-istat ta' fatt oggettiv impedixxa lill-atturi milli jkomplu biex-xogholijiet li b'konsegwenza tieghu l-atturi bdew isofru danni. Tant dan hu minnu illi fil-bidu tal-kawza li saret mill-konvenuti odjerni biex jigi dikjarat ghemil illegali da parti tal-atturi odjerni, l-istess atturi Spiteri ghamlu rikors ghall-urgenza tas-smigh tal-kawza precizament ghaliex kienu qed isofru dannu minhabba li gew imwaqqfa gudizjarament milli jkomplu bil-kostruzzjoni minnhom mibdija, u li huma kienu qed jopponu billi fil-fehma taghhom kienu in piena regola li jkomplu bix-xogholijiet.

"Id-decizjoni tal-Prim'Awla tal-2008 ma holqot ebda dritt izda semplicement irrikonoxxiet bhala fatt li l-atturi odjerni kienu qed jibnu legalment, fatt li sehh snin qabel u li l-atturi odjerni setghu kieku riedu f'dak il-mument ikkawtelaw minnufih bil-mezzi gudizjarji appoziti biex jissospendu l-perkorriment tal-perjodu ta' preskrizzjoni. Din il-Qorti izzid illi l-istess atturi odjerni setghu fl-istess proceduri kontrihom, decizi fl-2008 intavolaw kontrotalba ghal dikjarazzjoni ta' legalita tal-agir taghhom u kundanna ghad-danni kagonati lilhom. Minn dan kollu l-atturi odjerni kienu stranament passivi u intavolaw biss l-azzjoni ghad-danni circa erba' snin wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li taha naxxita ghal fatt dannuz u li setghu bla ebda impediment, issospendew id-dekorriment tal-preskrizzjoni kontra taghhom f'azzjoni futura ghad-danni li kienu qed isofru.

"Ma jistax jinghad anqas illi l-preskrizzjoni hi sospiza ghax id-dannu baqa' isehh u jikber tul il-kawza sa ma eventwalment tnehha l-mandat. L-awment fid-dannu ma kienx jikkostitwixxi fatt oggettivament gdid li ta lok ghad-dannu pretiz izda kien biss fattur li jistabilixxi l-quantum effettiv tad-dannu subit sal-mument ta' dikjarazzjoni u likwidazzjoni finali li kif inghad seta' gie

salvagwardat b'semplici ittra ufficjali jew protest biex it-terminu ta' preskrizzjoni ma jkomplix jiddekorri minn meta beda jsehh id-dannu b'mod oggettiv u determinat cioe mid-data tal-akkoljiment tat-talba ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

"L-ezitu tas-sentenza fil-kawza mibdija mill-konvenuti odjerni ma holoq ebda dritt ta' azzjoni konsegwenzjali ghar-risarciment tad-danni u ma kien hemm xejn li jzomm lil atturi odjerni milli b'semplici ittra ufficjali jwaqqfu kull darba il-moghdija taz-zmien ghall-azzjoni ta' danni li setghet liberament tigi promossa f'kull zmien, anki jekk iridu b'azzjoni ad hoc biex timxi kontestwalment mal-azzjoni promossa mill-konvenuti odjerni (ara f'sens simili **Mohnani vs Galea**, PA 21/04/2009).

"Hi l-fehma tal-Qorti illi l-atturi odjerni naqsu milli jipprotegu d-dritt taghhom promoss fil-kawza odjerna fl-2010 fiz-zmien mehtieg biex kontrihom ma jiddekorrix il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 liema perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri meta insorga l-istess dritt vantat cioe mill-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fit-30 ta' Ottubru 2006.

"Peress illi ghalhekk l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikoli 2153 tal-Kap. 16, ma hemmx lok li jigi deciz il-mertu tal-azzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija fl-14 ta' Ottubru 2014 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq premessi u minflok taqta' billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti-appellati dwar il-preskrizzjoni u tibghat l-atti lura fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili u dana sabiex l-kawza tigi deciza fuq il-mertu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tichad l-appell tal-appellanti u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jallegaw li sofrew danni meta l-konvenuti, inutilment u b'mod vessatorju, ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fit-30 ta' Ottubru, 2006, b'mod li gew imwaqqfa milli jkomplu jizviluppaw is-sit taghhom gewwa Marsascala. Il-konvenuti eccepew preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti accettat din l-eccezzjoni u ddikjarat l-azzjoni attrici perenta.

L-atturi appellaw mis-sentenza u jissottomettu li l-preskrizzjoni kienet sospiza, peress illi ma setghux jifthu din il-kawza qabel ma kien hemm ezitu finali ghall-

kawza li l-konvenuti fethu wara li ottjenew il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, liema kawza giet deciza kontra l-istess konvenuti biss fit-8 ta' Lulju, 2008.

Trattat l-appell, din il-Qorti tara li ma tistax taqbel mat-tezi attrici. Hu car li l-artikolu ta' preskrizzjoni invokat hu dak applikabbli ghall-kaz, u fil-principju, il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza issir taf bih. L-atturi jinvokaw il-principju *contra non valentem agere non currit praescriptio*. Il-ligi taccetta dan il-principju f'kazijiet limitati biss, pero`, mhux eskluz mill-gurisprudenza l-applikazzjoni b'mod generali tal-principju f'kazijiet kongruwi.

Fil-kawza **Montanaro Gauci et v. Rapa et** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2014, intalbet l-applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni derivanti minn okkupazzjoni illegali ta' fond. Il-konvenuti eccepew illi l-azzjoni kienet preskritta, bl-atturi jinvokaw is-sospensjoni tat-terminu tul il-kors tal-kawza precedenti ta' zgumbrament. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> "*Fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, il-gurisprudenza hi konformi li, fil-fatt, huwa dan it-terminu applikabbli ghall-kaz. Il-kwistjoni, f'dan il-kaz, hija jekk dan it-terminu kienx sospiz tul iz-zmien li hadu dawn il-qrati sakemmm iddecidew il-fatt li l-okkupazzjoni tal-fond kien minghajr ebda titolu. Tezisti gurisprudenza li tghid li, f'kazijiet simili, id-dekorriment taz-zmien ta' preskrizzjoni ma setax jghaddi hlief mid-data tad-definizzjoni tal-azzjoni li stabbiliet l-ezistenza tal-okkupazzjoni bla titolu. Il-konvenuti appellanti, gustament fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkritikaw din il-linja gurisprudenzjali. Fi studju interessanti u ta' min*

> *ifahhru, l-appellanti, tramite l-avukat taghhom, urew kif l-istitut contra non valentem agere non currit praescripto kellu origini enigmatika u dam ma gie accettat fi Franza (li ghandhom Kodici Civili jixbah lil taghna, il-Kodici Napuljun), u meta gie eventwalment accettat, inghata interpretazzjoni stretta, u meqjus li jkun applikabbli biss bhala eccezzjoni limitata ghar-regola li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak inhar li sehh l-fatt in kwistjoni. Hawn Malta dan il-principju huwa wkoll accettat, pero`, kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Xuereb v. Zammit****, deciza fid-9 ta' Marzu, 1994, il-preskrizzjoni tkun sospiza biss fejn sentenza tal-Qorti tohloq id-dritt tal-azzjoni, u mhux fejn sempliciment tiddikjara l-ezistenza ta' fatt, u cioe`, tistabbilixxi x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel ma beda l-proceditment.*"

Dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Xuereb v. Zammit** imsemmija jinsab kwotat fis-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'din il-kawza.

F'dan il-kaz, is-sentenza li tat il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2008, ma holqot ebda dritt ghall-atturi prezenti, izda ddikjarat dak li kien ovvju minn qabel, u cioe`, li l-konvenuti, allura atturi, ma setghux ma kienux jafu li l-atturi, allura konvenuti, ma kienux responsabbli ghall-hsarat lamentati.  Jekk kellha tkun ovvja ghall-attwali konvenuti li l-azzjoni taghhom kienet frivola u vessatorja, daqshekk kellha tkun ovvja ghall-atturi prezenti, li kellhom, allura, jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom ghad-danni, imqar bi spedizzjoni ta' ittra ufficjali interpellatorja kull sentejn.

Il-kawza l-ohra li fethu l-konvenuti odjerni ma kenitx isservi bhala impediment ta' dritt ghall-azzjoni attrici, ghax l-atturi setghu dejjem, anke fil-pendenza tal-kawza l-ohra li fethu l-konvenuti, jifthu kawza huma ghad-danni fuq il-kawzali li

l-mandat kien vessatorju.  Il-fatt li l-mandat kien *in vigore* ma kienx jimpedixxi lill-atturi illi, bi procedimenti appozitu, jitolbu r-revoka tieghu jew id-danni.  Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Attard v. Fenech** deciza fil-15 ta' Frar, 1965, biex il-principju msemmi jsib l-applikazzjoni tieghu, l-impossibilita` li wiehed jagixxi, "*trid tkun impossibbilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea li huwa ma setax jirrimwovi*".  Dan mhux il-kaz hawnhekk.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Ottubru, 2014, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi appellanti in solidum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------